MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Numru 643/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

v

**ANTON VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTON VASSALLO** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Carmelo u Rosemarie nee Pullicino, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 1978 u joqghod 'St. Joseph House', Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 495978M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fis-sitta ta' Mejju 2003 ghal habta ta' bejn l-erbgha w is-sitta ta' wara nofsinhar, f'B'Bugia, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' vettura tal-marka Toyota Starlet GT bin-numru ta' registrazzjoni JCH 218, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lir amaltin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' Alex Debarro minn B'Bugia

2. Talli fis-sitta ta' Mejju 2003 u fil-granet ta' wara din d-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn l-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih iniffsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBM 863 fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru ta' registrazzjoni LCH 218;

3. Talli fl-istess perjodu ta'zmien fuq imsemmi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru ta' registrazzjoni BBM 863 fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru ta' registrazzjoni LCH 218;

4. Talli fil-lejl ta' bejn l-erbatax u l-hmistax ta' Mejju 2003, ikkommetta serq ta' diversi ghodda mill-hanut bl-isem 'Kenneth Hardware Centre' sitwat fi Triq Santa Teresa, Haz Zabbar liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Kenneth Pullicino minn Haz Zabbar;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin u cioe fl-imsemmi hanut maghruf bl-isem 'Kenneth Hardware Centre' sitwat fi Triq Santa Teresa, Haz Zabbar ghad-dannu ta' Kenneth Pullicino minn Haz Zabbar;

6. Talli fil-lejl ta' bejn t-tnax w it-tlettax ta' Jannar 2003, fi Triq San Duminku, Haz Zabbar, ikkommetta serq ta' CD player tal-marka Pioneer kif wkoll ta'cheque book tal-HSBC bin-numru 4442842047811001 minn go vettura tal-ghamla Kia bin-numru ta'

registrazzjoni HAP 649, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin u bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Jean Claude Agius minn Haz Zabbar;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin u cioe fl-imsemmija vettura tal-ghamla Kia bin-numru ta' registrazzjoni HAP 649, ghad-dannu ta' Jean Claude Agius minn Haz Zabbar;

8. Talli fit-tmintax ta' Marzu 2003, bil-lejl, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, fi Triq Garibaldi, Marsa, ikkommetta serq ta' flus minn go fabbrika bl-isem ta' STV Electronics, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin u bil-hin ghad-dannu ta' Joseph Buttigieg minn Haz Zabbar.

9. Talli fit-tmintax ta' Marzu 2003, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Joseph Buttigieg minn Haz Zabbar.

10. Talli fit-tmintax ta' Marzu 2003, bil-lejl, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, fi Triq l-Awrat, Haz Zabbar, ikkommetta serq ta' sett tat-teleevizjoni tal-marka Radiomarelli, kif wkoll ta' diversi ghodod u cwievet minn go vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni STV 003, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xota tal-haga misruq ghad-dannu ta' Joseph Buttigieg minn Haz Zabbar.

11. Talli f'dawn l-ahhar xhur f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

12. Talli f’dawn l-ahhar xhur, f’dawn il-Gzejjer, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqas li jgharraf lil Pulizija b’dak l-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf;

13. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ;

14. Talli fis-sitta ta’ Mejju 2003, u fil-jiem, ta’ wara din d-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru ta’ registrazzjoni originali LCH 218 b’numru BBM 863 li japparatjeni lil vettura ohra, minghajr l-licenzja tal-Kummissaraju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar t-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u ba’hekk ma kienx kopert b’polza t’assikurazzjonni ghar-riskju ta’ terzi persuni.

15. Talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar t-tmintax ta’ Dicembru 2001, f’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kondizzjoni li ma jaghamilx reat iehor fi zmien tlett snin;

16. Talli kkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza datata tmintax ta’ Dicembru 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

Rat il-process verbal esibit a fol 102 et seq tal-atti redatt mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar t-tlettax ta’ Awissu 2003.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Gunju 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat [fol 262].

Rat s-sentenza esibita bhala dokument Z 1 [fol 208] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per l-allura Magistrat Dottor David Scilcuna fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 1994, sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-erbatax ta’ Lulju 2003 mmarkata bhala dokument Z 2 [fol 216], sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima fil-konfront tal-imputat odjern nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Marzu 2004 mmarkata bhala dokument Z [fol 348], sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Antonio Mizzi fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2002 mmarkata bhala dokument Z 3 a fol 218, sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per l-allura Magistrat Dottor Noel Cuschieri fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-ewwel ta’ Frar 2000 mmarkata bhala dokument Z 4 a fol 219, sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per l-Magistrat Sedenti Dottor Consuelo Scerri Herrera fil-konfront tal-imputat odjern nhar t-tmintax ta’ Dicembru 2001 mmarkata bhala dokument Z 5 a fol 222.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hdax ta’ April 2005 [fol 321] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan wara li nghata zmien xieraq biex jwiegeb.

Semghet lil partiiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta’ April 2006.
Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta’ Awissu 2003 **xehed l-Ispettur Stephen Mallia** [fol 15] fejn qal li fis-sitta ta’ Mejju 2003, il-pulizija tal-ghassa ta’ B’Bugia kienu rcievew rapport minghand Alex Debarro minn B’Bugia li aktar qabel ghal xi l-erbgha w nofs minn hdejn il-hanut tieghu bl-isem Deli’s Stationary, fi Triq San Mikiel kantuniera ma Triq San Pietru, B’Bugia, kienet insterqitlu l-vettura tieghu tal-

ghamla Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni LCH 218 li kien halla pparkjata quddiem il-hanut tieghu. Din il-vettura kienet thalliet miftuha bic-cwievet fl-*ignition*.

Qal li minn investigazzjoni li ghamel hu nhar l-hmistax ta’ Mejju 2003, irrizultalu li din il-vettura kienet tinsab quddiem r-residenza tal-imputat odjern fi Triq Felice, Haz Zabbar. Qal li hu mar fuq il-post w innota li l-vettura li kien hemm tal-ghamla Toyota Starlet ta’ kulur iswed pero n-numru ta’ registrazzjoni li kien hemm fuqha kien BBM 863. Qal li c-cwievet kienu ghadhom fl-ignition. Qal li ghalhekk habbat ghand l-imputat fejn fethet ohtu Michelle u qaltlu li huha l-imputat kien gewwa, pero meta bdiet issejjahlu, ma rrispondiex. Qal li hu qal lil Michelle sabiex iccempel lil genituri taghha u fil-fatt wara ftit gie missier l-imputat certu Carmelo Vassallo u staqsih x’kien jaf fuq il-vettura li kien hemm pparkjata quddiem r-residenza tieghu. Qal li misier l-imputat kien irrispondih li l-vettura kienet ta’ ibnu l-imputat u li n-numri li kien fiha kienu ta’ vettura ohra li l-imputat kellu fuq ismu. Kompla jghid li wara ghamlu tfittxija u din l-istess vettura tal-imputat instabet fil-garaxx li jaghmel parti mid-dar.

Zied jghid li din t-tieni vettura kienet simili ghal dik li nstabet barra pero kienet bla numri, u kellha diversi partijiet minn gewwa taghha zarmati. Qal li minn aktar investigazzjoni rrizulta li l-vettura li kien hemm fil-garaxx, dik tal-ghamla Toyota Starlet kellha n-numru originali taghha suppost li huwa BBM 863 registrata fuq Anton Vassallo minn haz Zabbar filwaqt li dik li nstabet barra bin-numru mwahhal fuqha li kien falz u cioe dak bin-numru BBM 863 kienet fil-fatt il-vettura Toyota Starlet bin-numru originali LCH 218 ta’Alex Debarro minn B’Bugia li kienet giet rappurtata misruqa xi jiem qabel.

Qal li meta dahlu f’dan il-garaxx ma gemb din il-karozza, nstabu xi ghodod li dehru li kienu godda fjamanti tant li kien ghad ghandhom il-prezz fuqhom. Minn aktar investigazzjoni rrizulta li dawk kien ghadhom kemm jigu misruqa l-lejl ta’ qabel. Irrizulta wkoll li l-vettura Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni LCH 218 kienet registrata fuq Teresa Debarro minn B’Bugia. Irrizulta

wkoll li hafna mit-tapezzerija u *seats* li nstabu mwahhla fil-vettura misruqa fil-fatt kienu jappartjenu lil dik registrata fuq l-imputat. Qal li xi parts ohra nstabu mferrxin fl-imsemmi garaxx.

Minn aktar stharrig irrizulta li l-ghodod li nstabu fil-garaxx kienu jappartjenu lil "Kenneth Hardware Store", Haz Zabbar proprjeta ta' Kenneth Pullicino, li aktar tard identifika bhala l-ghodda li nsterqitlu mill-imsemmi hanut tieghu.

Kompla jghid li minn aktar tfittxija fir-residenza tal-imputat, fil-presenza ta' missier u oht l-imputat, nstabu *technician tool case* tal-aluminium li kien fiha xi ghodda li tintuza mit-*technichians* tat-*televisions* li kienet insterqet minn go vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni STV 003 nhar t-tmintax ta' Marzu 2003, proprjeta ta' Joseph Buttigieg mix-Xghajra. Irrizulta wkoll li minn din il-vettura kienu nsterqu *television* 'Radiomarelli' u sett cwievet u zewg kaxxi ghodda, wahda minnhom imsemmija aktar 'l fuq.

Minn aktar stharrig irrizulta wkoll li kienet sehhet serqa dakinhar tat-tmintax ta' Marzu 2003 minn STV Electronics Factory fil-Marsa Industrial Estate, minn fejn insterqu mitt lira *cash*.

Fl-istess tfittxija fir-residenza tal-imputat nstab basket tal-plastic li kien fih cwievet, *wallet, driving licence* ta' Teresa Debarro u *log book* ta' vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni TER 629 li hija wkoll ta' Teresa Debarro, il-*windscreen licence* tal-vettura Toyota Starlet misruq bin-numru ta' registrazzjoni LCH 218 ta' Teresa Debarro kif wkoll sett numru ta'registrazzjoni LCH 218 li kienu mitwijin biex ma jidhrux. Fl-istess tfittxija kienu nstabu *cheque book* tal-HSBC li rrizulta li kien jappartjeni lil Jean Claude Agius minn Haz Zabbar, u Pioneer *CD player* li wkoll kien jappartjeni lil Jean Claude Agius.

Zied jghid li nhar l-hmistax ta' Mejju 2003, ghal habta tas-sebgha w nofs l-pulizija regghu marru fir-residenza tal-imputat, peress li sa dak il-hin kien ghadu ma nstabx, fejn

meta fethilhom missier l-imputat raw lil imputat jigri mad-dar u gie arrestat. Qal li l-imputat, verbalment kien ammetta li kien wettaq serqa minn 'Kenneth Hardware Store' f'Haz Zabbar u meta gie muri l-ghodda li nstabet aktar kmieni fid-dar tieghu, qal li kien seraqha hu f'zewg okkazzjonijiet. Zied jghid li wara li gie moghti s-solita twissija, l-imputat kien ghazel li jirrispondi ghal xi domandi filwaqt li ghal ohrajn ghazel li ma jirrispondix. Rigward il-vettura Toyota Starlet l-imputat kien qal li kien xtraha minghand John Polidano minn B'Bugia.

Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li giet mmarkata bhala dokument CSH 4 [fol 22]. Fuqha x-xhud gharaf kemm il-firma tieghu u dik ta' PS 620 Stephen Bunce u stqarr li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax. Esibixxa wkoll formalment l-vettura Toyota Starlet bin-numru BBM 863 u LCH 218 kif wkoll l-ghodda u l-oggetti li gew elevati mir-residenza tal-imputat.

Illi nhar s-sitta ta' Settembru 2004 **rega' xehed l-Ispetur Stephen Mallia** [fol 294] u esibixxa fedina penali aggornata tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument FDD [fol 295].

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2003 **xehed Kenneth Pullicino** [fol 32] li qal li hu proprjetarju ta' hanut bl-isem 'Kenneth Hardware Store' sitwat fi Triq Santa Teresa, f'Haz Zabbar. Qal li bejn l-erbatax u l-hmistax ta' Mejju 2003 kien gie misruq minn diversi ghodda. Qal li sussegwentement kien ghadda lista ta' dawn l-oggetti neqsin lil ispettur.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2003 **xehed Alex Debarro** [fol 34] fejn qal li fil-hamsa ta' Mejju hu kien xtara vettura tal-ghamla Toyota Starlet li kellha numru ta' registrazzjoni LCH 218 u l-ghada waqt li kien qed jahsilha, dahal jaqdi xi nies u meta hareg ma sabhiex hemmhekk. Qal li xi hin wara kien gie mghajjat d-depot fejn gharaf din il-vettura tieghu. Qal li hu kien partat din il-vettura peress li kellu Fiat Uno li kien xtara hamest elef lira ma Toyota Starlet billi zied maghha hdax il-mija u hamsin lira u dan minghand certu Debono Auto Dealer ta' Bulebel. Qal li c-

cavetta kienet fl-*ignition* taghha meta nsterqet. Qal li l-vettura hija registrata fuq Teresa Debarro. Qal li meta ra l-karozza tieghu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, innota li kellha sett roti differenti li ma kienux bhal dawk tieghu u pjanci differenti wkoll minn tieghu. Qal li l-hgieg tal-gnub ta' wara wkoll kienu differenti u li s-*seats* kienu gew midbula wkoll. Zied jghid li l-*gear lever* wkoll kellu l-*knob* differenti, kienet minghajr xkaffa ta' wara u minghajr l-i*speakers* u l-i*stereo*.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2003 **xehdet Teresa Debarro** [fol 36] fejn qalet li hi sid il-vettura Toyota Starlet GT bin-numru ta' registrazzjoni LCH 218. Qalet li fil-hamsa ta' Mejju 2003, waqt li zewgha kien qed jahsilha, sakemm dahal gewwa, giet misruqa. Qalet li wara hi ma regghetx ratha pero giet murija d-dokumenti li l-pulizija kienu sabu li kienu taghha.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2003 **xehed Joseph Buttigieg** [fol 38] fejn qal li hu jahdem bhala *technician* tat-*televisions*. Qal li fit-tmintax ta' Marzu 2003, waqt li kien bil-karozza tieghu Peugoet Partner bin-numru ta' registrazzjoni STV 003 fejn fiha kellu *television* u diversi ghodda u cwievet, dawn gew misruqa. Qal li l-karozza in kwistjoni kienet ipparkjata hdejn il-parapett tad-dar tieghu fi Triq l-Awrat, Haz Zabbar. Qal li l-vettura baqghet fejn kien halliha bit-tieqa daqsxejn mnizzla u ma kien fiha ebda sinjali ta' sgass. Qal li c-cwievet li kellu fiha kienu ta' ommu u tal-fabbrika li gew misruqa. Qal li t-*television* li nsteraq kien tal-marka 'Radiomarelli'. Qal li hu jahdem ma STV Electronics tal-Industrial Estate fil-Marsa. Qal li dakinhar stess kienu serqu lil imsemmija fabbrika wkoll. Qal li meta nizel biex jiehu c-cwievet mill-karozza tieghu, sabha miftuha u l-oggetti neqsin. Qal li sussegwentement kien mghajjat d-depot fejn kien gie muri l-oggetti li kienu nsterqulu fosthom il-bagalja tal-ghodda tieghu u parti li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol tat-tiswija tat-*televisions* li hu jaghmel.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2004 **xehed Saviour Chircop** [fol 40] fejn qal li hu direttur ta' STV Electronics li tinsab fil-Qasam Industrijali tal-Marsa. Qal li fit-tmintax ta' Marzu

2003 bil-lejl l-imsemmija fabbrika tieghu giet misruqa minn fejn hadu xi mitt lira fi flus kontanti, pero sgass ma kienx hemm. Qal li minn dahal aktarx li ghamel dan bi cwievet li nsterqu lil kollega tieghu Joseph Buttigieg dakinhar stess mill-vettura tieghu. Qal li Joseph Buttigieg huwa direttur tal-istess kumpanija. Qal li l-vettura li kienet f'idejn dan tal-ahhar kellha tabella STV Electronics bl-indirizz taghhom fuqha u kienet mikrija lil kumpanija.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2003 **xehed Jean Claude Agius** [fol 42] fejn qal li hu sid il-vettura Kia bin-numru ta' registrazzjoni HAP 649. Qal li bejn il-lejl tat-tnax ghat-tlettax ta' Jannar 2003, waqt li l-vettura tieghu kienet ipparkjata fi Triq San Duminku f'Haz Zabbbar sfat misruqa. Minnha ttiehdu *CD player* tal-marka Pioneer u *cheque book* tal-HSBC, filwaqt li l-pilastru tal-vettura gie llevat. Qal li hu ghadu ma sewwiex din il-hsara. Qal li xi zmien qabel l-pulizija kienu wrewh *cheque book* li hu gharaf bhala l-istess wiehed li nsteraq minn din il-vettura.

Illi nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 **xehed Dottor Vincent Galea** [fol 49] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument VG [fol 51]. Minn ezami tal-istess jirrizulta li s-serqa mill-hanut 'Kenneth Hardware Store' hija aggravata bil-mezz u bil-valur. In oltre gew kagjonati hsarat fil-fond sabiex sar l-access fl-ammont ta' tlett liri maltin. L-oggetti li nsterqu jinsabu deskritti fl-istess relazzjoni.

Illi nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 **xehed l-espert tekniku Joseph Zammit** [fol 74] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fol 114 tal-atti. Minn esami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li diversi partijiet mill-vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni JCH 218, instabu mbghbasin w armati fil-karozza tal-imsemmi imputat bin-numru ta' registrazzjoni BBM 863, wkoll tal-ghamla Toyota Starlet. Illi l-licenzja tat-triq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBM 863 kienet skadiet fi Frar 2003. Huwa ghalhekk ikkonferma dak li qal l-Ispettur fix-xhieda tieghu li t-tbaghbis li sar fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCH 218 instab armat fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBM 863 u l-partijiet reciproci tal-

vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBM 863 instabu armati fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LCH 218. Fost it-tibdil li kien hemm, kien hemm in-numru ta’ registrazzjoni. Irrizulta wkoll li l-vettura m’insterqitx permezz ta’ sgass imma minn saqha kellu c-cwievet kif del resto qal sidha meta qal li halliha fi Triq San Pietru quddiem l-hanut tieghu bic-cwievet go fiha. Ikkonferma wkoll li l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LCH 218 li ghandha valur ta’ erbat elef lira maltin, instabet bi hsara konsiderevoli fuq il-parti frontali lejn l-lemin u tinhtieg spiza ta’ madwar mija u hamsin lira maltin biex tissewwa.

Illi nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2003 **xehed Brian Farrugia** [fol 76] fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tad-direttur tal-licenzji. Qal li minn ricerka li ghamel fuq vettura tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru ta’ registrazzjoni LCH 218, din ilha tghajjat lil Teresa Debarro li toqghod Flat 1, Santa Teresa, Triq Sant’Andrija, B’Bugia mis-sebgha ta’ Mejju 2003. Qal li l-kulur taghha huwa iswed. Qal li hu gie mitlub jaghti informazzjoni wkoll dwar vettura ohra tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru ta’ registrazzjoni GBM 863. Qal li din tghajjat lil Anton Vassallo ta’ St. Joseph, Triq Felic, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 4955978M w ilha registrata fuqu mis-sebgha w ghoxrin ta’ Settembru 2002 u hija wkoll ta’ kulur iswed.

Il-Qorti tinnota li dan ix-xhud, ma giex mistoqsi jekk l-imputat ghandux licenzja tas-sewqan valida mahruga mill-Kummissarju tal-Puliizja.

Illi nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2003 **xehed** l-**ex Spettur David Saliba** w esibixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima nhar l-erbatax ta’ Lulju 2003 moghtija fil-konfront tal-imputat odjern w ikkonferma l-identita tal-persuna presenti fl-awla bhala l-istess imputat imsemmi fis-sentenza markata bhala doku ent ZD [fol 79] peress li hu kien l-Ufficjal Prosekutur f’dik is-sentenza.

Illi nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2003 **xehed Emanuel Fenech** [fol 81] fejn qal li hu nhar s-sebgha w ghoxrin ta’

Settembru 2002, kien biegh karozza tal-marka Toyota Starlet lil imputat odjern. Din il-vettura kellha numru ta' registrazzjoni BBM 863 u kienet ta' kulur *greyish black*, aktar fl-iswed u dan ghal prezz ta' erbat elef u hames mitt lira maltin u l-imputat kien tah tmien mija depozitu u hallas xi tlett pagamenti jew erbgha biss, ghaliex wara ma kompliex ihallsu.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2004 **xehed l-allura Supretendent Angelo Baldacchino** [fol 238] fejn wara li ra s-sentenza esibita bhala dokument Z 4 a fol 219 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar l-ewwel ta' Frar 2000 mill-allura Magistrat Dottor Noel Cuschieri fil-konfront tal-imputat odjern ikkonferma li l-imputat presenti fl-awla huwa l-istess imputat imsemmi f'din s-sentenza fejn hu kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2004 **xehed PS 964 Robert Scicluna** [fol 240] w esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument RS [fol 242], konsistenti f'esibizzjoni ta' diversi impronti digitali misjuba fil-fond 'Kenneth Hardware Store' u fuq diversi ghodod.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2004 **xehed PS 1136 Jesmond Micallef** [fol 249] u ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab a fol 155 tal-atti w immarkata bhala dokument KJM, konsistenti f'elevar ta' xi *lifters* u ritratti relativi ghalihom.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2004 **xehed PS 620 Stephen Bunce** [fol 251] fejn qal li fis-sittax ta' Mejju 2003 kien dahal rapport ta' serq ta' karozza Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni LCH 218 liema vettura kienet registrata f'isem Teresa Debarro detentrici tal-karta tal-identita numru 002163M. qal li din kienet giet rappurtata nieqsa minn Triq San Pietru, B'Bugia. Qal li meta tkellem ma Alex Bebarro li jigi r-ragel ta' Teresa Debarro, dan infurmah li Anton Vassallo maghruf bhala 'Tooze' li joqghod St. Joseph, Triq Biccieni, Zabbar kellu wahda bhalha ezatt w ghalhekk mar ghand l-imputat fejn fethet il-bieb ohtu pero meta telghet tfittxu fuq ma sabitux. Qal li staqsewha jekk kienx hemm xi hadd mill-genituri taghhom u qaghdu jistennew lil missier l-imputat sakemm jigi.

Qal li nel frattemp innutaw li quddiem r-residenza tal-imputat kien hemm vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBM 863 u meta ghamlu verifiki dwarha rrizulta li din kellha *chassis number* EP 82035350. Qal li meta ccekkjaw fuq din il-vettura, rrizulta li din kienet l-istess vettura rappurtata nieqsa minn Teresa Debarro u meta dahlu fil-garaxx sabu karozza ta' Anton Vassallo u l-pjanci BBM 863 li kienu jappartjenu lil karozza ta' Anton Vassallo ma kienux fuqha.

Din kellha daqqa fuq quddiem u erbgha *tyres* differenti u bil-*windscreen miksur*. Qal li fl-istess garaxx mal-hajt kien hemm ghaxar tipi ta' ghodda li rrizulta li kienu gew misruqa dakinhar stess minghand 'Kenneth Hardware Store' ta' Haz Zabbar, proprjeta ta' Kenneth Pullicino. Qal li fit-tarag tal-istess residenza tal-imputat kien hemm wkoll bagalja ta' lewn iswed li rrizulta li kienet misruqa wkoll.

Minn aktar tfittxija rrizulta li nstabu *cheque book* tal-HSBC numru 44/4/28420781101, li kien nstab nieqes fit-tlettax ta' Jannar 2003 proprjeta ta' certu Jean Claude Agius. Dan kien gie rappurtat nieqes minn vettura Kia numru ta' registrazzjoni HAP 649. Fl-istess residenza nstab basket abjad li kien fih *number plates* originali tal-karozza misruqa li kienu sabu barra l-imsemmija residenza u cioe dawk bin-numru JCH 218, u dokumenti li jappartenu lil Teresa Debarro.

Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija a fol 22 rilaxxjata mill-imputat wara li gie moghti s-solita twissija fejn fuqha gharaf il-firma tieghu.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2004 **xehed PC 1525 Patrick Farrugia** [fol 264] u ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab esibita a fol 162 tal-atti w immarkata bhala dokument PF u dan rigwardanti serq minn 'Kenneth Hardware Store', Triq Santa Teresa, Haz Zabbar u sejba ta' oggetti allegatament misruqa minn 'St. Joseph' Triq Felice, Haz Zabbar nhar l-hmistax ta' Mejju 2003. F'din r-relazzjoni jinstabu esibiti diversi ritratti tal-vetura Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni LCH 218 u r=-ritratti ta' diversi

ghodod mehuda nar l-hmistax ta’ Mejju 2003 gewwa l-fond St. Joseph, Triq Felice, Haz Zabbar r-residenza tal-imputat.

Illi nhar d-dsatax ta’ Lulju 2004 **xehed PS 475 Frank Cassar** [fol 265] w esibixxa l-okkorrenza li ggib in-numru 4/H/117/2003 relatata ma allegat serq li sehh bejn l-erbatax w il-hmistax ta’ Mejju 2003. Qal li r-rapport kien sar minn Kenneth Pullicino proprjetarju tal-fond ‘Kenneth Hardware Store’ si Triq Santa Teresa, Haz Zabbar, liema okkorrenza giet immarkata bhala dokument V [fol 267].

Illi nhar d-dsatax ta’ Lulju 2004 **xehed PS 359 Carmelo Abdilla** [fol 272] w esibixxa l-okkorrenza li giet mmarkata bhala dokument V 1 [fol 273] relatata ma serq ta’ vettura Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni LCH 218 minn B’Bugia nhar s-sitta ta’ Mejju 2003 liema rapport sar minn Alex Debarro.

Illi nhar d-dsatax ta’ Lulju 2004 **xehed PS 161 Tony Cachia** [fol 278] w esibixxa l-okkorrenza li giet mmarkata bhala dokument V 2 [fol 279] relatata ma serq ta’ Hi Fi equipment tal-marka Pioneer iswed bil-griz li kellu valur ta’ mija w ghoxrin lira minn go karozza minn Triq San Duminku Haz Zabbar.

Illi nhar s-sitta ta’ Settembru 2004 **xehed PS 1257 Konrad Ellul** [fol 282] fejn qal li nhar t-tmintax ta’ Marzu 2003 ghal habta tat-tliet ta’ filghodu dahal messagg fl-ghassa tal-pulizija Rahal Gdid li kien hemm alarm fl-istabbiliment 2000 Computers, Marsa, Industrial Estate, li kien qed idoqq. Qal li PC 1413 u hu nizlu flimkien fuq il-post u wara ghamel l-okkorenza relattiva li esibixxa bhala dokument CE [fol 284]. Minn ezami ta’din l-okkorrenza jirrizulta li l-malvivent ottjena d-dhul fil-fabbrika mill-bieb principali u seraq xi mitt lira maltin f’*cash* li kienu go bott tal-plastik.

Illi nhar s-sitta ta’ Settembru 2004 **xehed PC 1261 Charles Pace** [fol 288] u esibixxa r-relazzjoni tieghu mmarkata bhala dokument FSL [fol 289] liema relazzjoni tirrigwarda serq minn ‘Kenneth Hardware Store’, Triq

Santa Teresa, Haz Zabbar, f'liema relazzjoni hemm ritratti tal-fond mertu tas-serqa.
Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004 **xehed PS 956 Andrew Caruana** [fol 312] fejn esibixxa zewg formoli tal-marki tas-swaba u marki tal-pali tal-idejn ta' l-imputat Anton Vassallo liema impronti gew mehuda minnu stess seduta stante fil-presenza tal-Qorti. Dawn il-faxxikoli gew mmarkati bhala dokumenti AC 1 u AC 2 [fol 338].

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2005 **xehed John Polidano** [fol 319] fejn qal li hu ghamel xi zmien jahdem ma tal-*films* u kellu bzonn karozza. Qal li kien hemm Daihatsu u mar biex jixtriha minghand l-imputat pero hu ried flus kontanti u hu ma kellux. Qal li tah mija u hamsa w ghoxrin lira dak l-hin. Qal li l-karozza kien xtraha ghal prezz ta' mitejn u hamsin lira maltin. Qal li l-bilanc kellu jaghtihulu aktar tard.
Mistoqsi x'jaf dwar x'incident fejn d-Detox ix-xhud qal li kienet marret mara li riedet il-karozza u fl-ahhar sar jaf li l-karozza in kwistjoni kienet registrata f'isimha. Qal li l-karozza ma tahielix. Qal li c-cwievet ta' din il-karozza kien ghaddihom lil Ispettur Mallia. Qal li din il-karozza kien xtraha minghand l-imputat odjern. Qal li l-imputat dak iz-zmien kellu Daihatsu ta' kulur abjad bhal dik li kien xtara hu minghandu, pero jekk kellux karozzi ohra dak iz-zmien, x-xhud ma kienx jaf. Mistoqsi jghid x'inhu n-numru tal-karozza ix-xhud m'gharafx iwiegeb.

Illi nhar l-hdax ta' April 2005 **xehdet il-Prokuratur Legali Giuliana Scerri Ferrante** [fol 322] fejn esibit r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument JSF [fol 324]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li mill-ezami komparattiv li hija ghamlet bejn l-impronti digitali mehuda mill-imputat seduta stante u dawk elevati mill-fond 'Kenneth Hardware Store', dan ta rizultat negattiv.

Il-Qorti mbaghad ghaddiet biex tisma x-xhieda prodotta mid-difiza ai fini ta'piena.
Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 **xehed George Spiteri** [fol 342] fejn qal li hu jahdem fl-irham. Qal li jaf lil imputat peress li ilu jahdem mieghu erbgha xhur. Qal li

meta l-imputat jkollu l-Qorti ma jattendix ghax-xoghol. Qal li mieghu l-imputat igib ruhu bhala bniedem normali.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 **xehed Ray Grech** [fol 344] fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tal-Komunita Santa Marija. Qal li lil imputat presenti fl-awla kien jafu min mindu inghata l-bail f'Ottubru 2003 u kien gie ammess fl-imsemmija komunita. Qal li sussegwentement l-imputat kien inghata sentenza ta' prigunerija u ghalhekk kellu jieqaf mill-kors u mar l-habs. Wara erbgha xhur, l-imputat kien rega' mar l-komunita imbaghad rega' nizel u komplew minn hemmhekk. Zied jghid li fil-fatt ghadda l-fazijiet kollha u wasal fl-istadju tas-*semi residential*. Qal li l-imputat jahdem pero jorqod l-iljieli ta' matul l-gimgha fil-komunita u joqghod il-*weekends* barra. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-kors jigi nterrot jistax ikomplih wara x-xhud wiegeb fl-affermattiv. Kompla jghid li l-*behaviour* tal-imputat hija tajba. Qal li meta beda jsegwih kellu l-impressjoni li kien ser ikollhom xi problemi pero kien zbaljat. Qal li meta bdew imissu xi issues sab il-koperazzjoni tal-imputat. Qal li fil-fehma tieghu l-imputat ghamel progess u li sa fejn jaf hu dik kienet l-ewwel darba li l-imputat kien ghamel l-programm. Qal li meta bniedem jibda kors ta' rijabilitazzjoni u jintbaghat b'sentenza ta' prigunerija, dan ikun detrimentali ghalih.

Fil-fehma tieghu f'dan l-istadju hu detrimentali ghal imputat li jmur il-habs ghaliex kull ma jkunu ghamlu mieghu kien ser jintilef. Qal li l-imputat baqghalu xi sebgha xhur maghhom u xtaq li jibqa bis-sistema li kien. Qal li waqt li kien mizmum maghhom, l-imputat ittehdulu testijiet u dawn dejjem taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga u li kieku ma kienx hekk, kienet tittiehed azzjoni xierqa.

Illi nhar s-sitta ta' Frar 2006 **xehdet Josette Camilleri** [fol 360] ghan-nom w in rappresentanza tal-Agenzija Sedqa. Qalet li l-imputat dahal f'din l-agenzija fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2003 meta kellu problemi t'abbuz ta' droga u kellu bzonn programm. Qalet li l-programm kien ghamlu kollu u spicca anke r-*re-entry* u huma kienu ssuggerewlu li

jzomm kuntatt maghhom. Qalet li hu zamm dan il-kuntatt u baqa jkollu sezzjonjonijiet mal-Psikologa sa llum u ghadu jattendi xi granet, ghaliex ma baqax jghix fid-dar. Qalet li l-fazi residenzjali spiccaha fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2005 u baqa jattendi r-*re-entry* sa xahar ilu. Qalet li l-imputat kien ghazel li jorqod fil-komunita darba fil-gimgha u kuntatt kien ghad kellu mal-komunita Santa Marija.

Illi nhar s-sitta ta' Frar 2006 **xehdet Claudine Azzopardi** [fol 362] fejn qalet li hija Psikologa. Qalet li kien ilha ssegwi lil imputat li gharfet presenti fl-awla, ghal dawn l-ahhar sentejn. Qalet li l-imputat kien ibati minn problema ta' personalita, kellu *distinct personality* u kien *anti social* w ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jahseb fuq konsegwenzi ta' ghemilu. Kien persuna mpulsiva, rrisponsabbli u ma kienx jemmen fir-regoli u ma kienx kapaci jiddistingwixxi bejn t-tajjeb u l-hazin.

Minn ezami li ghamlet dan l-ahhar fuq l-imputat, irrizultalha li l-problemi li kellu fil-personalita tieghu, m'ghadhomx jezistu. Qalet li ghal dawn l-ahhar sentejn u xahrejn, l-imputat kellu kuntatt maghha kull gimgha w ikkopera maghha u ftit kien hemm sezzjonijiet li m'attendix. Qalet li xogholha kien jikkonsisti f'*corrective feedback*.

Ziedet tghid li waqt li kien qed jizviluppa l-personalita tieghu meta kien ghadu guvni, kien influwenzat minn nuqqas ta' regoli w abbuz fil-familja. Qalet li l-process ta' terapija l-imputat segwih bis-serjeta. Qalet li meta kien fil-komunita bhala resident, kien jkollu kuntatt kull gimgha u wara kellu ghazla jekk ikomplix jew jitlaq, l-imputat kien ghazel li jkompli ghaddej bit-terapija. Mistoqsija jekk fiz-zmien tal-ezami taghha, l-imputat kellux problemi fis-sens li jaghraf li oggett ma kienx tieghu, ix-xhud wiegbet li kien kapaci jaghraf dan pero minhabba l-influwenza tal-personalita tieghu ma kienx jifhem l-gravita tal-konsegwenzi.

Qalet li llum il-gurnata, ghalkemm jista jkollu tentazzjoni li jekk ikun hemm karozza hu jkun iridha, issa hu kapaci jifhem dak li jkun qed jaghmel. Qalet li l-imputat dahal fil-

komunita Santa Marija, fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2003 u hi bdiet tarah fid-disgha ta' Jannar 2004. Ziedet tghid li llum il-gurnata l-imputat m'ghadx ghandu dawk il-problemi fil-personalita tieghu u miexi sabiex jistabilixxi ruhu ahjar fis-socjeta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat b'xejn inqas minn sittax l-akkuza dwar diversi serqiet, ricettazzjoni, hsara voluntarja, falsifikazzjoni ta' dokumenti w uzu tal-istess, ta' recidiva u talli kiser probation u talli ghamel reati waqt l-operat ta' sentenza sospiza u minhabba f'hekk, din il-Qorti ser tittratta ma kull akkuza b'mod individwali.

**L-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxja stqarrija** u dan nhar s-sittax ta' Mejju 2003, liema stqarrija tinsab esibita a fol 22 tal-atti odjerni.

L-imputat f'din l-istqarrija ma jirrispondix ghad-domandi kollha li sarulu ghalkemm ghazel li jwiegeb ghal uhud minnhom.
L-imputat jammetti li kien jaf li l-vettura tal-ghamla Toyota Starlet li kellha n-numru ta' registrazzjoni LCH 218 kien xtraha minghand John Polidano maghruf bhala d-"Dudu" minn B'Bugia ghal prezz ta' erbat elef lira maltin, ghalkemm gie mitlub hamest elef lira taghha. qal wkoll li kien jaf li John Polidano kien seraqha minn B'Bugia u kien hadha bic-cavetta go fiha. L-imputat zied jghid li spicca hallas sebgha mitt lira maltin cash u ta l-vettura tieghu tal-ghamla Charade lil dan John Polidano ghaliex aktar flus ma kellux. Qal wkoll li John Polidano kien issuggerilu li jaqlalu l-pjanci bin-numri u jaghtih l-pjanci tan-numri biex ma tingharafx pero huwa thassru u m'ghamilx hekk. Jghid li peress li kellu vettura ohra bhalha, qabad l-pjanci tat-Toyota tieghu numru BBM 863 u wahhalhom fuq il-vettura Toyota LCH 218. Ammetta wkoll li kien biddel t-tapezzerija li kien hemm fil-vettura li kien xtara minghand John Polidano billi poggilha t-tapezzerija li kellu fit-Toyota tieghu u dan bil-ghan li l-vettura ma tingharafx. Biddel wkoll xi oggetti ohra, bhal *valve* li kien imqaccat, r-roti u zarma s-*silencer*.

Ammetta wkoll li fil-garaxx tieghu nstabu d-dokumenti tal-vettura LCH 218, il-pjanci mghawwgin taghha u c-cwievet.

Mistoqsi kif spiccaw ghandu l-ghodda gdida li nstabet fir-residenza tieghu, l-imputat ghazel li ma jwegibx. Mistoqsi jekk kienx seraqhom matul il-lejl ta' bejn l-erbatax u l-hmistax ta' Mejju 2003 mill-hanut 'Kenneth Hardware Store', f'Haz Zabbar, l-imputat ghazel li ma jwegibx, ghalkemm verbalment kien ammetta mal-ufficjal tal-pulizija li kien seraqhom xi hmistax qabel minn dak l-fond li kien gie suggerit lilu. Ghad-domandi l-ohra li sarulu l-imputat ma wegibx.

Illi a bazi ta' din l-istqarrija, il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat hati ta' ricettazzjoni tal-vettura Toyota Starlet numru ta' registrazzjoni LCH 218 u talli xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz b'mod partikolari ghaliex pogga l-pjanci tal-vettura BBM 863 fuq l-vettura tal-istess ghamla li kellha l-pjanci LCH 218, kif inkorporata fl-akkuza talli ghamel dikjarazzjoni falza u ta taghrif falz.

Pero ma ssibux hati tal-akkuza ta' serq ta' dan l-istess vettura Toyota Starlet GT numru ta' registrazzjoni LCH 218, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruq ghad-dannu ta' Alex De Barro minn B'Bugia u tilliberah minnha.

Dwar l-akkuza ta' serq minn 'Kenneth Hardware Store', Haz Zabbar, l-Ispettur Stephen Mallia ikkonferma fix-xhieda li ta nhar d-dsatax ta'Awissu 2003, li l-ghodda ta' dan il-hanut instabet fil-garaxx tal-imputat l-ghada tas-serqa u fil-fatt Kenneth Pullicino, d-derubat, kien gharaf din l-ghodda bhala whud mill-ghodda li kienu nsterqulu. Fil-fatt il-pulizija esekuttiva kienet elevat dawn l-ghodod mir-residenza tal-imputat fil-presenza ta' missier l-imputat Anton Vassallo w ohtu. Skond l-process verbal esibit fl-atti, mix-xhieda li ta l-istess Kenneth Pullicino, is-serqa kienet aggravata bil-valur, bil-hin u bil-mezz.

L-Ispettur Stephen Mallia fix-xhieda tieghu jghid li l-imputat verbalment kien ammetta mieghu aktar kmieni li

matul l-lejl ta' qabel kien ghadu kemm wettaq dik s-serqa u li kien mar wahdu bil-mixi f'zewg okkazzjonijiet peress li l-hanut jinsab xi ftit kantunieri boghod mir-residenza fejn joqghod.

Illi l-imputat ma cahadx din x-xhieda viva voce l-Qorti meta kellu kull opportunita li jaghmel hekk u fl-istqarrija, meta gie mistoqsi dwar din s-serqa, ghogbu ma jirrispondix ghal ebda domanda.

Fid-dawl ta' dawn il-provi, l-Qorti qed issibu hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur ghad-dannu ta' Kenneth Pullicino.

Dwar l-akkuza ta' hsara voluntarja fl-istess fond 'Kenneth Hardware Store', il-Qorti ezamiant l-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti w innutat li l-hsarat f'dan l-fond kienu konsistenti fi tnehhija ta' hgiega sabiex kien hemm access ghal fond derubat, liema hsarat gew stmati mill-espert tal-Qorti fis-somma ta' tlett liri maltin.

Dwar din l-akkuza, il-Qorti tinnota li l-hsarat volutnarji kagjonati fil-fond, sehhew biss bhala mezz ai fini w ghalhekk tali akkuza ghandha tigi kompriza fl-akkuza ta' serq u dan ghaliex il-hsara riskontrata kienet biss limitata ghal fatt tal-isgass fuq l-aperturi tal-fond. Ma jirrizultax li l-imputat, li dahal biex jisraq, ghamel hsara ohra bla bzonn w ghalhekk r-reat ma jistax jikkonfigura *on its own merits* w ghalhekk, il-hsarat ma hemmx dubbju, huma sinonomi mal-kwalifika tal-mezz tar-reat tas-serq u kommessi ghal istess fini. [vide ghal dan l-ghan s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Marzu 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Vincent Calleja**]. Din l-akkuza ghalhekk, per se, ma tirrizultax ppruvata.

Dwar s-sitt akkuza u cioe serq ta' CD player tal-marka Pioneer u cheque book tal-HSBC numru 4442842047811001 minn gol-vettura tal-ghamla Kia bin-numru ta' registrazzjoni HAP 649, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Jean Claude Agius, il-Qorti ghal darb'ohra

taghmel referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Stephen Mallia, kif wkoll ma gietx kontradetta mill-imputat.
Huwa veru li dawn l-oggetti nstabu ghand l-imputat fir-residenza tieghu, pero minn imkien ma jirrizulta li kien l-imputat li seraqhom. Jirrizulta bic-car li verament insterqu mill-vettura tal-ghamla Kia bin-numru ta’ registrazzjoni HAP 649 proprjeta ta’ Jean Claude Agius fil-lejl ta’ bejn t-tnax w it-tlettax ta’ Jannar 2003, pero xejn aktar.

Huwa minnu li Jean Claude Agius jikkonferma li safa vittma tas-serq in kwsitjoni u sofra xi hsarat bhala rizultat ta’ tali serqa, pero fl-ebda parti tax-xhieda tieghu ma jaghmel xi referenza ghal imputat li setgha kien hu li serqu.

In vista ta’ dawn il-provi miseri fir-rigward tal-akkuza ta’ serq aggravat ghad-dannu ta’ Jean Claude Agius, w ghal akkuza sussegwenti ta’ hsara voluntarja fuq din l-istess vettura ta’ Jean Claude Agius, il-Qorti tiddikjara li ma ssibux hati taghhom.

L-imputat gie akkuzat wkoll li kkommetta serq minn go fabbrika bl-isem STV Electronics, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta’ Joseph Buttigieg u talli kkaguna hsarat voluntarji fl-istess fond.

Dwar din l-akkuza, wkoll ma hemmx dubbju li s-serqa sehhet u li l-hsarat voluntarji gew kagjonati, pero ma jirrizultax li kien l-imputat li kkommetta dawn r-reat. Huwa minnu li fir-residenza tal-imputat l-pulizija sabu tool case li tintuza mit-*technicians* tal-*televisions* li jahdmu ma din s-socjeta w insterqet mill-vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru tya’ registrazzjoni STV 003 waqt li kienet ipparkjata f’Haz Zabbar, pero meta l-pulizija marru fuq il-post ftit wara li daqq l-*alarm* tal-fabbrika, ma sabu lil hadd w ghalhekk, il-Qorti ma tistax ssib lil imputat hati ta’ din l-akkuza ta’ serq mill-fabbrika u lanqas talli kkaguna hsara voluntarja go fiha.

L-imputat huwa wkoll akkuzat bir-reat ta’ serq ta’ *televison* tal-marka ‘Radiomarelli’ kif wkoll ta’ diversi ghodda u cwievet minn go vettura tal-ghamla Peugeot Parnter bin-

numru ta’ registrazzjoni STV 003 liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Joseph Buttigieg. Illi huwa minnu li dawn l-istess oggetti nstabu fir-residenza tal-imputat nhar l-hmistax ta’ Mejju 2003 mill-Pulizija pero dawn il-provi wahedhom ma jfissrux li kien l-imputat li kkommetta s-serqa u fil-fatt l-imputat fl-istqarrija li rrilaxxja dwar dawn l-ahhar tlett serqiet, kien sieket u ma rrispondix w ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax ppruvata.

L-imputat gie akkzuat bir-reat ta’ recettazzjoni. Illi dwar dan r-reat il-Qorti taghmel referenza ghal elementi ta dan r-reat kif stabbilit fil-gurisprudenza lokali u dan qabel ma tigi biex tittratta l-kaz odjern.

Kif gie stabbilit fis-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta’ Mejju 1937*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Filippo Fenech**, biex jinghad li l-akkuza ta’ ricettazzjoni tigi ppruvata hemm bzonn li jirrizultaw sodisfacentement dawn r-rekwisiti:

a. illi l-oggett li jkun msemmi fil-kaz ikun gej mill-kommissjoni ta' reat;

b. illi l-akkuzat ikun jew irricetta jew xtara dan l-oggett;

c. illi l-imputat ikun jaf li l-oggett kien ta’ provenjenza llegittima.

L-**Imhallef kompjant William Harding** f’din l-istess sentenza stqarr wkoll li ‘n kwantu ghat-tieni rekwizit, mhux affattu necessarju li jkun hemm x-xiri tal-oggett mill-parti tar-recettatur, r-ricettazzjoni wahedha bija bizzejjed. In kwantu ghax-xjenza tal-provenjenza illegittima, dan l-element [li huwa d-dolo specifiku tad-delitt ta' ricettazzjoni] jista jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

L-istess **Imhallef kompjant William Harding** f’sentenza ohra moghtija nhar ***l-hdax ta’ Dicembru 1943*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Giuseppe Attard**, jghid:

*“Il-pussess tal-oggett misruq huwa ndizzju ta’ reat ta’ serq meta dak l-pussess ma jigix spjegat u meta c-cirkostanz*

*huma tali li fost iz-zewg possibilitajiet ta' ricettazzjoni jew ta' serq, jiehdu ghal din tal-ahhar."*

L-awtur Ingliz **Harris** fil-ktieb tieghu ***Criminal Law*** **[**Wilshire's Edition – fol 290] jghid li:

*"The possession of recently stolen property is safe evidence that the possessor is either the thief or guilty receiver and <u>if he fails to give any satisfactory explanation of his possession, the jury may convict him of stealing or receiving, according to circumstances.</u>"*

Din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat ta' ricettazzjoni tal-oggetti kollha li nstabu fir-residenza tieghu fosthom l-Pioneer *stereo*, ic-*cheque book* tal-HSBC ta' Jean Claude Agius, t-*television* tal-marka 'Radiomarelli' u t-*tool case* tas-socjeta STV Electronics.

Il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea d-differenza ta' bejn serq u ricettazzjoni u dan ghaliex din il-Qorti ma sabitx lil imputat hati tal-akkuza ta' serq tagghhom a bazi tat-teorija ta' pussess recenti t'oggett misruq.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza moghtija nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seusun et**, dik il-Qorti qalet li:

*"It-teorija* [theory of unlawful possession of recently stolen goods] *ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ppruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, jistghu wahedhom jwasslu ragjonevolment ghal konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja ta' reat ta' serq ta' l-oggetti misjuba ghandha jew skond c-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawn l-oggetti."*

Issa kif gie rilevat fis-sentenza mohgtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Dicembru 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Zarb et**:

*"F'kaz li serq tal-oggett li jinsteraq jista jkollu origini jew provenjenza legittima, bhal ma generalment ikollu, il-halliel jiehu dak l-oggett minghand sidu u minghajr l-permess ta' sidu, bl-intenzjoni li jaghmel xi forma ta' gwadann ghalih. Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu regjonevolment kien jaf li l-oggett li ser jakkwista gej min provenjenza kriminuza, jigifieri, anke fil-forma tal-mens rea rikjesta f'dawn iz-zewg reati hija ghal kollox differenti. Fir-ricettazzjoni, x-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista tigi dedotta mill-kaz."*

Issa f'dan il-kaz, dak hu appuntu l-ezercizzju li ghamlet l-Qorti w ix-xjenza tal-imputat giet dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz.

Ma hemmx dubbju li saru r-reati ta' serq kontra l-proprjeta fejn originarjament kienu jinstabu l-oggetti li eventwalment instabu ghand l-imputat. Gie ppruvat wkoll li l-imputat kellu l-pussess effettiv ta' dawn l-oggetti li gejjin minn reat ta' serq. Illi huwa veru li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx x-xjenza tal-imputat b'att posittiv izda tali xjenza tirrizulta mill-ommissjoni tieghu li jipprova jiggustifika l-pussess effettiv taghhom.

L-imputat ma jghid xejn dwar kif l-oggetti spiccaw ghandu u ma jirrizultax li b'xi mod indaga biex jivverifika l-provenjenza taghhom. Meta l-imputat gie mistoqsi fl-istqarrija li hu rrilaxxja dwar dawn l-istess oggetti, hu ghazel li jibqa sieket. Il-fatt li l-imputat ma tax spjegazzjoni konnessa mac-cirkostanzi tal-kaz, jammonta ghal tali cirkostanzi li l-Qorti jkollha tiddikjara li l-imputat huwa hati tar-reat ta' ricettazzjoni ghaliex f'dan l-att tieghu ta' pussess kien hemm l-intromissjoni tieghu li jigu facilitat l-akkultament tal-oggett misruq jew illegitimament ottenut [vide **Il-Pulizija v Joseph Bugelli** ***deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 1941***].

L-imputat huwa wkoll akkuzat bir-recidiva. Ma hemmx dubbju li din tirrizulta mill-esibizzjoni ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti fil-konfront tal-imputat u cioe dawk markati bhala dokument SD a fol 79, dokument Z 1 a fol 208, dokument Z 2 a fol 216, dokument Z 3 a fol 218, dokument Z 4 a fol 219, dokument Z 5 a fol 222 fejn l-imputat instab hati fost affarijiet ohra, fuq diversi serqiet w inghata perjodu ta' prigunerija.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lil ex Spettur David Saliba jixhed w ikkonferma s-sentenza dokument SD [fol 79] fil-konfront tal-imputat odjern u qal li huwa l-ufficjal prosekutur f'dik s-sentenza fejn l-imputat kien kkundannat tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

Ressqet wkoll lil ex Supretendent Anglu Baldacchino jixhed w ikkonferma s-sentenza dokument Z 4 [fol 219] fil-konfront tal-imputat w iddikjara li l-imputat odjern kien l-istess persuna li kontrih inghatat dik is-sentenza fejn gie kkundannat piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal sentejn. Illi ghalhekk, din l-akkuza tirrizulta wkoll ippruvata.
L-imputat gie wkoll akkuzat talli saq l-vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' rgistrazzjoni LCH 218 waqt li kellu l-pjanci bin-numru BBM 863 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta.

Illi l-prosekuzzjoni ma resqet lil ebda xhud sabiex jghid li l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew li ma kienx kopert b'polza tas-sigurta w ghalhekk tali akkuza ma tirrizultax ippruvata.

Illi l-imputat gie wkoll akkuzat talli kkommetta reat waqt l-operat ta' sentenza sospiza moghtija nhar t-tmintax ta' Dicembru 2001 u waqt l-operat ta' probation moghti ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152, illum l-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond l-fedina penali tal-imputat permezz ta' din l-allegata sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta], l-imputat kien allegatament instab hati ta' diversi serqiet

fejn gie kkundannat jhallas multa ta’ hames mitt lira maltin u sentejn prigunerija estizi ghal erbgha snin w ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin.

Illi din l-istess sentenza tinsab esibita a fol 222 tal-atti odjerni mmarkata bhala dokument Z 5 mill-Ispettur Stephen Mallia nhar l-erbgha ta’ Frar 2004 [fol 98].

Illi pero minn ezami tal-atti ma jirrizultax li l-ufficjal investigattiv li kien investiga dawk l-kazijiet imsemmija f’din l-istess sentenza dokument Z 5, jew l-ufficjal prosekutur li kien mexxa l-prosekuzzjoni, xehed biex jikkonferma l-istess fil-konfront tal-imputat odjern w ghalhekk, fin-nuqqas ta’ tali provi, l-Qorti ma tistax ssib lil imputat hati ta’ dawn z-zewg akkuzi.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 28H, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 188, 189, 325, 334, 334A, 49, 50, 289 tal-Kap 9, l-artikolu 3(1)(2) tal-Kap 104, l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li <u>ssib</u> lil imputat ANTON VASSALLO <u>hati</u> tal-ewwel [1], tat-tieni [2] w tat-tielet [3] akkuza** [**kif inkorporata fit-tieni akkuza]**, **tar-raba [4], tal-hdax [11], tat-tnax [12] u tat-tlettax [13] l-akkuza**, u **<u>mhux hati</u> tal-hames [5], tas-sitt [6], tas-sebgha [7], tat-tmien [8], tad-disgha [9], tal-ghaxar [10] tal-erbatax [14], tal-hmistax [15] u tas-sittax [16] l-akkuza u tilliberah minnhom**.

**Dwar il-piena;**

**Il-Qorti semghet** x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil **George Spiteri**, l-imghallem tal-imputat, jghid li l-imputat jahdem mieghu b’mod regolari u li l-istess imputat igib ruhu sewwa mieghu.

**Semghet lil Ray Grech**, rappresentant tal-komunita Santa Marija jghid li l-imputat temm programm kontra l-abbuz tad-droga b’mod posittiv u li llum il-gurnata l-imputat kien qed igib ruhu sewwa.

**Semghet lil Josette Camilleri** ghan-nom tal-Agenzija Sedqa tghid li l-imputat spicca b'success l-programm kontra l-abbuz ta' droga u baqa jzomm kuntatt ma din l-istess agenzija.

**Semghet wkoll lil Claudine Azzopardi**, psikologa tghid dwar l-problema li l-imputat kellu fil-karattru tieghu sa minn tfulitu, izda maz-zmien kien qed jirregistra progress, ghalkemm hija bdiet tarah biss f'Jannar 2004.

Il-Qorti hija kuntenta tara li l-imputat ghamel progress fil-hajja tieghu fis-sens li qata l-vizzju li kellu t'abbuza mid-droga pero ma tistax ma tqisx l-hsara li sofriet is-socjeta minhabba l-agir tieghu.

Illi s-socjeta sofriet diversi hsarat materjali u l-imputat fl-ebda hin ma pprova jaghmel tajjeb ghaliha, nonostante li kellu mpjieg regolari. Ma jirrizultax li pprova jikkumpensa l-vittmi tal-kaz in kwistjoni.

Illi huwa d-dover ta' din il-Qorti li tikkreja bilanc bejn il-gustizzja li trid taghmel mal-imputat u dik tas-socjeta in generali.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fedina penali aggornata tal-imputat esibita fl-att nhar s-sitta ta' Settembru 2004 [fol 294] minn fejn jirrizulta li bejn s-sena 1994, meta l-imputat kien ghad ghandu biss sittax il-sena u s-sena 2004 meta kellu sitta w ghoxrin sena, huwa kien diga instab hati sbatax il-darba mill-Qorti fuq akkuzi ta' diversi serqiet, ricettazzjoni, hsara voluntarja, sewqan ta' vetturi minghajr licenzja mahuga mill-Kummissarju tal-Pulizija f'aktar minn okkazzjoni wahda, tfixkil fil-qadi tad-dmirijiet tal-pulizija, sewqan bla polza ta' sigurta adegwata, meta gie moghti kemm il-darba sentenzi sospizi u *probation orders*.

Dan nonostante, l-imputat ma tghallimx mill-passat tieghu ghaliex rega' qieghed l-Qorti akkuzat b'diversi reati li l-Qorti sabitu hati taghhom u hu ghalhekk li din il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mieghu, avolja ghamel r-rihabilitazzjoni tieghu. Haga stramba li l-fedina penali tieghu u cioe minn hajja riflettarja ta' ghaxar snin kontinwi,

ma jirrizultax li l-imputat qatt instab hati dwar xi reat konness mat-tehid ta' droga u ghalhekk il-Qorti thoss li l-ghajnuna li huwa kiseb ghall-allegata problema li hu kellu l'allegat abbuz ta' droga, kienet biss skuza bil-ghan li din il-Qorti tkun klementi mieghu fil-ghoti ta' piena.

Fil-fatt din il-Qorti ma hiex konvinta li verament l-imputat kellu din il-problema u fil-fatt l-psikologa prodotta mid-difiza stess, lanqas taghmel referenza ghal din l-allegata problema t'abbuza ta' droga.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, l-Qorti thoss li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva, ghalkemm mhux fil-massimu taghha.

**Ghalhekk, il-Qorti qed tikkundanna lil imputat ANTON VASSALLO ghal akkuzi li sabitu hati taghhom imsemmija aktar 'l fuq, ghal piena karcerarja effettiva ta' tlett snin.**

**Il-Qorti tikkundanna lil hati jhallas l-ispejjes tal-esperti nominati f'din il-kawza ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ammont ta' mija wiehed u disghin lira maltin u hamsa w sebghin centezmu [LM 191.75] bhala spejjes inkorsi mill-espert Giuliana Scerri Ferrante [fol 324 et seq].**

**L-imputat ghandu jhallas dawn l-ispejjes fi zmien xahrejn minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti u fin-nuqqas, tali hlas jigi konvertit fi prigunerija addizzjonali bir-rata ta' jum ghal kull hames lira dovuta lir-Registratur tal-Qorti.**

**Ghal dan l-ghan, ghalhekk il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lil istess Direttur tal-Qorti Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------